# IDDAWWARX WIĊĊEK!

Huwa propju dan li jitolbna l-Papa Franġisku fil-messaġġ tiegħu għal **Jum il-Foqra**, li se niċċelebraw nhar **il-Ħadd 19 ta' Novembru**. Fost l-oħrajn fil-messaġġ tiegħu l-Papa jgħidilna li għandna nagħmlu "sforz ta' kuljum" favur il-fqar. Il-forom ġodda tal-faqar jinkludu t-tfal imċaħħdin mill-futur, tfal li huma kontinwament imwerwrin li l-bombi tal-gwerra jaħsdulhom ħajjithom. Il-Papa semma wkoll "ix-xmara ta' faqar li nsibu fil-bliet".



Propju ftit jiem ilu l-Papa faħħar lil Madeleine Delbrel (1904-1964). Din is-social worker li llum hija venerabbli, għaddiet 30 sena taħdem mal-fqar ġewwa Franza.

**Il-ferta li tinġabar fil-quddies ta' nhar is-Sibt 18 ta' Novembru u fil-quddies ta' nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru, tmur favur il-ħidmiet tal-Caritas ġewwa d-djoċesi tagħna. Ngħinu mill-aħjar li nistgħu.**

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**SUPPORT GROUP GĦALL-ĠENITURI LI GĦANDHOM TFAL B'XI DIŻABILTÀ**

Biex tifrex aktar il-ħidma ta' Dar l-Arka b'risq il-familji li għandhom tfal b'xi diżabiltà, id-djoċesi tagħna qed tniedi support group għall-ġenituri li għandhom tfal b'diżabiltà. L-ewwel laqgħa se ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru, f'Dar l-Arka, Għajnsielem, fis-6:00pm. Il-ġenituri interessati huma mitluba jieħdu nota ta' dan l-appuntament.



**TQASSIM TA' KTEJJEB BIT-TALB GĦALL-FAMILJA:** f'Diċembru li ġej id-Djoċesi se tieħu ħsieb tqassam ktejjeb bit-talb fil-familji kollha. Tiftakru kif konna qassamna l-ktieb tal-Vanġelu ta' San Mattew. Qegħdin nitolbu l-għajnuna ta' voluntiera biex iqassmu l-ktejjeb tat-talb fix-xahar ta' Diċembru. Dawk li jistgħu jgħinu, anke dawk il-persuni li huma membri ta' gruppi u movimenti jistgħu jagħtu isimhom lil Maria Xuereb (mobile 79592548), jew jiġu jagħtu isimhom fl-Uffiċċju Parrokkjali. Nitolbukom tikkuntattjawna sal-25 ta' Novembru.

**Avviżi:**

**QUDDIES FIL-KAPPELLA TA' SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA (ĊIMITERJU TA' KENUNA):**

- **IL-MEMBRI TAL-MUSEUM SUBIEN:** se jiċċelebraw quddiesa nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru fis-7:00pm. Din se tkun organizzata mill-membri, it-tfal u ż-żgħażagħ tal-Museum tas-Subien b'suffraġju tal-benefatturi mejtin tal-Qasam. Kulħadd huwa mistieden jingħaqad magħhom b'suffraġju ta' dawn l-erwieħ li tant ħabbew id-dar tad-duttrina u l-formazzjoni tar-raħal tagħna.
- **L-GĦAQDA ARMAR DIĊEMBRU 13:** se torganizza quddiesa għall-membri u benefatturi tal-Għaqda nhar il-Ħamis li ġej, 16 ta' Novembru. Tibda fis-7:00pm. Kulħadd mistieden.

**QUDDIESA GĦALL-BENEFATTURI TAL-BANDA MNARJA:** nhar it-Tlieta 14 ta' Novembru fis-7:00pm fil-Każin tal-Banda.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Novembru fil-Knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha s-Soċjologu Joseph Azzopardi ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-5:45pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**IL-QUDDIESA GĦALL-MEMBRI U BENEFATTURI MEJTIN TAL-PARTIT NAZZJONALISTA:** se ssir nhar il-Ġimgħa 17 ta' Novembru fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù fis-7:00pm. Kulħadd huwa mistieden.

**GĦOTI TAD-DEMM:** fil-Berġa tax-Xewkija nhar il-Ħadd 19 ta' Novembru mit-8:00am sas-1:00pm. Tinsewx tieħdu l-karta tal-identità, il-liċenzja tas-sewqan jew il-passaport magħkom. Trid tintlibes ukoll il-maskra.

**KTIEB FUQ IL-FESTI:** ftit ilu ħareġ il-ktieb *Ilwien il-Festi*, xogħol ta' Mark Micallef Perconte fuq il-festi ta' Malta u Għawdex. Fost l-oħrajn fih 40 paġna fuq il-festa ta' San Pietru u San Pawl. Il-ktieb jiswa €55 u wieħed jista' jordnah mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI:** mill-Kunsill Lokali tan-Nadur, nhar l-Erbgħa 15 ta' Novembru. Tluq mill-Pjazza fl-4:00pm. Aktar informazzjoni mill-Uffiċċju tal-Kunsill.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am